KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fl-24 ta' Mejju 2012 [1]

Kawża C-62/11

Land Hessen
vs
Florence Feyerbacher

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hessisch Landessozialgericht (il-Ġermanja)]

"Privileġġi u immunitajiet — Natura ġuridika tal-Ftehim dwar is-sede tal-Bank Ċentrali Ewropew — Kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku — Assenza tal-effett erga omnes — Statut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali — Artikolu 36(1) — Kundizzjonijiet tal-impjieg tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew — Assenza tan-natura esklużiva — Applikabbiltà għall-membri tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-dispożizzjonijiet tad-dritt soċjali Ġermaniż li jipprovdi għall-għoti ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali lill-imsemmija membri tal-persunal — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 34 — Dritt ta' aċċess għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali"

I – Introduzzjoni

1. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha s-setgħa tagħti benefiċċji ta' sigurtà soċjali lill-membri tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew? Essenzjalment, din hija d-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Hessisch Landessozialgericht (il-Ġermanja).

2. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji, b'mod iktar preċiż, minn naħa, dwar in-natura ġuridika tal-ftehim tat-18 ta' Settembru 1998 konkluż bejn il-Gvern Ġermaniż u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar is-sede ta' din l-istituzzjoni (iktar 'il quddiem, il-"Ftehim dwar is-sede") [2]. Min-naħa l-oħra, hija tenfasizza l-bżonn li tiġi ddefinita l-portata tal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persunal tal-BĊE, fid-dawl tal-Artikolu 36(1) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem, l-"Istatut tas-SEBĊ") [3].

3. Id-domandi preliminari saru fil-kuntest ta' kawża bejn F. Feyerbacher, membru tal-persunal tal-BĊE ta' ċittadinanza Ġermaniża, li għandha d-domiċilju tagħha fil-Ġermanja, fil-Land Hessen, rigward ir-rifjut ta' dan il-land li jagħti lil F. Feyerbacher allowance tal-ġenituri.

4. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda, għaldaqstant, minn naħa, in-natura ġuridika tal-Ftehim dwar is-sede, u, b'mod partikolari, jekk dan jagħmilx parti mid-dritt tal-Unjoni Ewropea jew le. Min-naħa l-oħra, hija tistaqsi jekk l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede — li, skont l-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ, jeskludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi u proċedurali tad-dritt

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — BGB1. 1998, p. 2745. Il-verżjoni Ġermaniża, l-unika li hija awtentika, tal-Ftehim dwar is-sede hija wkoll disponibbli fis-sit Internet tal-BĊE, flimkien ma' traduzzjoni Ingliża tiegħu.

3 — Ir-riferiment huwa għall-Protokoll Nru 4, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 230).

industrijali u tad-dritt soċjali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persunal tal-BĊE, adottati mill-kunsill regolatorju tal-BĊE [4] (iktar 'il quddiem, il-"kundizzjonijiet ta' impjieg") — jikkostitwixxix regola dwar il-kunflitt ta' liġijiet li tipprekludi lill-imsemmi Stat Membru milli jagħti lill-membri tal-persunal tal-BĊE li jirrisjedu fit-territorju tiegħu, abbażi tal-prinċipju ta' territorjalità, il-benefiċċji tal-familja, bħalma hija l-allowance tal-ġenituri, previsti mil-liġi nazzjonali.

5. F'dan ir-rigward, nenfasizza li l-element importanti tal-kawża jinsab fil-kwistjoni dwar jekk, u, jekk ikun il-każ, sa fejn, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hijiex libera, skont l-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ, li tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha sabiex tagħti benefiċċji ta' sigurtà soċjali lill-membri tal-persunal tal-BĊE li jikkomplementaw dawk previsti mill-kundizzjonijiet ta' impjieg.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

6. Id-dritt għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali huwa ggarantit mill-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [5]. Skont l-imsemmi artikolu:

"1. L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u servizzi soċjali li jipprovdu protezzjoni f'każijiet bħal ma huma l-maternità, il-mard, l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, id-dipendenza jew l-anzjanità, u fil-każ ta' telf tax-xogħol, skond ir-regoli stabbiliti mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

2. Kull min jirrisjedi u jmur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni Ewropea hu intitolat għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali u l-vantaġġi soċjali, skond il-liġi ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

[…]"

2. L-Istatut tas-SEBĊ

7. L-operazzjonijiet esterni tal-BĊE huma ddefiniti fl-Artikolu 23. Dan jista' fost l-oħrajn "jistabbilixx[i] relazzjonijiet ma' banek ċentrali u istituzzjonijiet finanzjarji f'pajjiżi oħra u, fejn ikun xieraq, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali".

8. Skont l-Artikolu 24, intitolat "Operazzjonijiet oħra", il-BĊE jista', minbarra l-operazzjonijiet li joriġinaw mill-ħidmiet tiegħu, "[jidħol] f'operazzjonijiet li jkollhom skopijiet amministrattivi għalih […] jew għall-ħaddiema [tiegħu]".

4 — Skont l-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ, il-kunsill regolatorju tal-BĊE adotta, fid-9 ta' Ġunju 1998, il-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persunal tal-BĊE (ĠU 1999, L 125, p. 32), li ġew emendati diversi drabi. Il-kundizzjonijiet ta' impjieg ma humiex ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, huma disponibbli għall-pubbliku fil-lingwa Ingliża fis-sit Internet tal-BĊE.

5 — Għal skopijiet ta' ċarezza u minkejja li l-Ftehim dwar is-sede ġie konkluż qabel u l-allowance inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkopri perijodu kompletament preċedenti għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kuntest ġuridiku jirreferi għat-testi tad-dritt primarju kif redatti qabel din id-data. Fil-fatt, minbarra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li wara d-dħul fis-seħħ ta' dan it-trattat kisbet natura vinkolanti, id-dispożizzjonijiet rilevanti għall-eżami tiegħi baqgħu fil-biċċa l-kbira identiċi għal dawk fis-seħħ qabel l-imsemmija data.

9. L-Artikolu 35(1) u (4) tal-Istatut tas-SEBĊ jipprovdi:

“35.1 L-atti jew l-ommissjonijiet tal-BĊE ikunu suġġetti għar-reviżjoni jew l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta’ l-Unjoni Ewropea fil-każijiet u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat […]

[…]

35.4 Il-Qorti tal-Ġustizzja ta’ l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza li tagħti sentenza skond kwalunkwe klawżola ta’ arbitraġġ f’kuntratt konkluż minn jew għan-nom tal-Bank Ċentrali Ewropew, kemm jekk dak il-kuntratt ikun irregolat bid-dritt pubbliku kemm bid-dritt privat.”

10. Skont l-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ, il-“Il-Kunsill Regolatorju, fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jistabbilixxi il-kondizzjonijiet ta’ l-impjieg tal-impjegati tal-BĊE”.

11. L-Artikolu 39 ta’ dan l-Istatut jipprovdi:

“Il-BĊE għandu jgawdi fit-territorji ta’ l-Istati Membri, dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li jkunu meħtieġa għall-qadi ta’ d-dmirijiet tiegħu, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta’ l-Unjoni.”

3. Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea

12. Skond l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea [6]:

“Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta’ regolamenti skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni ma’ l-istituzzjonijiet ikkonċernati, għandhom jistabbilixxu l-iskema ta’ benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għall-impjegati l-oħra ta’ l-Unjoni”.

13. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22 tal-imsemmi protokoll jipprovdi għall-applikabbiltà tiegħu għall-BĊE, għall-membri tal-korpi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Istatut tas-SEBĊ.

4. Il-Ftehim dwar is-sede

14. Skont il-ħames paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim dwar is-sede, dan għandu l-għan li jistabbilixxi l-privileġġi u l-immunitajiet tal-BĊE fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b’mod konformi mal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet [7].

15. Taħt it-titolu “Inapplikabbiltà tad-dritt industrijali u soċjali Ġermaniż”, l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede jipprovdi:

“Fid-dawl tal-Artikolu 36 [tal-Istatut tas-SEBĊ], il-kundizzjonijiet ta’ impjieg tal-membri tal-bord tad-diretturi u tal-membri tal-persunal ma humiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet sostantivi u proċedurali tad-dritt industrijali u tad-dritt soċjali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.”

6 — Ir-riferiment huwa għall-Protokoll Nru 7, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 266, iktar ’il quddiem il-“Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet”).

7 — Fil-mument tal-firma tal-imsemmi ftehim, kien qed isir riferiment, b’mod iktar preċiż, għall-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta’ April 1965 (ĠU 1967, 152, p. 13), fil-verżjoni tiegħu annessa mat-Trattati KE u Euratom.

16. L-Artikolu 21 tal-Ftehim dwar is-sede jipprovdi li, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-BĊE rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-imsemmi ftehim, kull waħda mill-partijiet tista' tressaq dan in-nuqqas ta' qbil quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-Artikolu 35(4) tal-Istatut tal-BĊE.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' impjieg

17. Il-kamp ta' applikazzjoni persunali tal-kundizzjonijiet ta' impjieg [8] huwa ddefinit fl-ewwel parti tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, intitolata "Dispożizzjonijiet ġenerali". Skont l-Artikolu 1 tal-kundizzjonijiet ta' impjieg:

[…] 'membru tal-persunal' tal-[BĊE] tfisser il-persuni kollha li ffirmaw kuntratt ta' xogħol li jagħtihom pożizzjoni fi ħdan il-BĊE għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat ta' iktar minn sena, u li bdew jaħdmu."

18. L-Artikolu 9, li jinsab fit-tieni parti tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, intitolat "Relazzjonijiet industrijali", jipprovdi:

"(a) Ir-relazzjonijiet industrijali bejn il-BĊE u l-membri tal-persunal tiegħu huma rregolati permezz ta' kuntratti ta' xogħol u fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' impjieg preżenti […]

[…]

(c) Il-kundizzjonijiet ta' impjieg ma huma rregolati minn l-ebda sistema legali nazzjonali speċifika. Il-BĊE japplika: i) il-prinċipji ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri, ii) il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju […] u iii) ir-regolamenti u d-direttivi […] fil-qasam tal-politika soċjali […]"

19. It-tielet parti tal-kundizzjonijiet ta' impjieg hija intitolata "Salarju bażiku, allokazzjonijiet u allowances". L-Artikolu 21 jispeċifika, rigward l-allokazzjonijiet u l-allowances — jiġifieri l-allowance tad-dar, l-allowance għal wild dipendenti, l-allowance ta' espatrijazzjoni, l-allowance għal studji, u l-allowance għal tfal li għadhom ma jmorrux l-iskola — imsemmija fl-Artikoli 15 sa 20 tal-kundizzjonijiet ta' impjieg li "dawn il-benefiċċji huma supplimentari għall-benefiċċji l-oħra kollha tal-istess natura li ġejjin minn sorsi oħra". Il-membri tal-persunal tal-BĊE huma wkoll marbuta li jitolbu u jiddikjaraw "dawn il-benefiċċji, li jitnaqqsu minn dawk dovuti mill-BĊE".

20. Ir-raba' parti tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, intitolata "Benefiċċji marbuta mad-dħul u l-waqfien mill-kariga", tinkludi min-naħa tagħha l-Artikolu 24 li jispeċifika li l-benefiċċji previsti fl-Artikoli 22 u 23 huma supplimentari "għall-benefiċċji l-oħra kollha tal-istess natura li ġejjin minn sorsi oħra". Il-membri tal-persunal tal-BĊE huma wkoll marbuta li jitolbu u jiddikjaraw "dawn il-benefiċċji, li jitnaqqsu minn dawk dovuti mill-BĊE".

21. Skont l-Artikolu 29 tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, li jinsab fil-ħames parti tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, intitolata "Sigħat tax-xogħol u leave", il-membri tal-persunal tal-BĊE "għandhom dritt għal leave parentali mhux imħallas li, mill-inqas, jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/34/KE [9]".

22. Is-sitt parti tal-kundizzjonijiet ta' impjieg hija intitolata "Sigurtà soċjali". Din il-parti tinkludi r-regoli li huma rilevanti, fost l-oħrajn, għar-remunerazzjoni fil-każ ta' assenza minħabba mard jew inċidenti, l-allowance ta' invalidità kif ukoll l-assigurazzjoni għall-mard u għall-inċidenti.

8 — Traduzzjoni libera mill-verżjoni Ingliża disponibbli fis-sit Internet tal-BĊE.

9 — Direttiva tal-Kunsill, tat-3 ta' Ġunju 1996, dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri [leave parentali] konkluż mill-UNICE, CEEP, u ta' ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285).

23. L-imsemmija sitt parti tinkludi wkoll id-dispożizzjonijiet rigward l-allowances, jiġifieri l-allowance ta' kull xahar għall-qgħad, l-allowance tad-dar u kopertura mis-sistemi ta' assigurazzjoni għall-mard u ta' assigurazzjoni għall-inċidenti tal-BĊE, li għalihom għandhom dritt il-membri tal-persunal li jinsabu mingħajr impjieg wara r-rexissjoni tal-kuntratt tagħhom mal-BĊE. Madankollu, mill-Artikolu 36 tal-kundizzjonijiet ta' impjieg jirriżulta li dawn il-"benefiċċji huma supplimentari għall-benefiċċji l-oħra kollha tal-istess natura li ġejjin minn sorsi oħra". Il-membri tal-persunal tal-BĊE huma wkoll marbuta li jitolbu u jiddikjaraw "dawn il-benefiċċji, li jitnaqqsu minn dawk dovuti mill-BĊE".

B – *Id-dritt nazzjonali*

24. Skont l-Artikolu 1(1) tal-liġi dwar l-allowance tal-ġenituri u l-leave parentali (Gesetz zum Elterngeld und zur Elternzeit), tal-5 ta' Diċembru 2006[10] (iktar 'il quddiem, il-"BEEG"),

"Għandha dritt għall-allowance tal-ġenituri kull persuna li:

1. ikollha d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħha fil-Ġermanja,

2. tgħix mal-wild tagħha fid-dar tagħha,

3. tieħu ħsieb u teduka dan il-wild, u

4. ma teżerċitax attività jew attività professjonali full-time."

25. L-Artikolu1(2)(3) ta' din l-istess liġi jikkonċerna l-każ ta' attività eżerċitata barra mill-Ġermanja:

"Għandha wkoll dritt għall-allowance tal-ġenituri kull persuna li, mingħajr ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1(1),

[…]

3. ikollha n-nazzjonalità Ġermaniża u taħdem biss fuq bażi temporanja fi ħdan korp internazzjonali jew supranazzjonali, b'mod partikolari l-uffiċjali kollokati b'mod konformi mad-direttivi federali f'dan il-qasam, jew kull persuna li teżerċita barra minn pajjiżha u fuq bażi temporanja attività li ġiet assenjata lilha […]"

26. Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' benefiċċji simili, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(3) tal-BEEG tipprovdi dan li ġej:

"Il-benefiċċji simili għall-allowance tal-ġenituri li għandha dritt għalihom persuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 1 f'pajjiż barra mill-Ġermanja jew minn korp internazzjonali jew supranazzjonali jitnaqqsu mill-allowance tal-ġenituri safejn ikunu previsti għall-istess perijodu u safejn ir-regolamenti adottati abbażi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ma jkunux applikabbli."

III – Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. F. Feyerbacher hija ċittadina Ġermaniża u tirrisjedi fil-Ġermanja, fejn hija eżerċitat attività professjonali qabel ma saret membru tal-persunal tal-BĊE. Bħala tali membru, hija tirċievi salarju suġġett għat-taxxa Komunitarja u taqa' taħt is-sistema applikabbli għall-persunal tal-BĊE prevista mill-kundizzjonijiet ta' impjieg, mingħajr ma tibqa' suġġetta għas-sistema ta' sigurtà soċjali Ġermaniża.

10 — BGB1. 2006 I, p. 2748.

28. Peress li l-kundizzjonijiet ta' impjieg ma jipprovdux għal allowance tal-ġenituri, F. Feyerbacher ressqet quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi, wara li welldet fil-5 ta' Settembru 2008, talba għall-għoti ta' allowance tal-ġenituri skont l-Artikolu 1(1) tal-BEEG abbażi tas-salarju tagħha mal-BĊE, jew, sussidjarjament, l-għoti tal-allowance legali minima ta' EUR 300 fix-xahar.

29. Insostenn tat-talba tagħha, F. Feyerbacher sostniet li hija kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tgawdi minn din l-allowance, kif previsti fl-Artikolu 1(1) tal-BEEG, inkwantu hija kellha d-domiċilju tagħha fil-Ġermanja, kienet qed trabbi lil binha hemmhekk, u ma kinitx teżerċita, matul il-perijodu kopert mill-benefiċċju, attività professjonali full-time.

30. B'deċiżjonijiet tal-4 ta' Diċembru 2008 u tat-8 ta' Jannar 2009, b'risposta għat-talba ta' F. Feyerbacher, il-Land Hessen ċaħad it-talba minħabba li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet u tal-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, F. Feyerbacher hija suġġetta għad-dritt tal-Unjoni u mhux għad-dritt industrijali jew għad-dritt soċjali Ġermaniż. Għaldaqstant, il-persunal tal-BĊE ma għandu, bħala prinċipju, l-ebda dritt għall-allowance tal-ġenituri. Barra minn hekk, l-awtorità inkwistjoni osservat li F. Feyerbacher lanqas ma għadha suġġetta għal intaxxar fil-Ġermanja.

31. F. Feyerbacher ippreżentat rikors kontra l-imsemmija deċiżjonijiet quddiem is-Sozialgericht Frankfurt (qorti tal-ewwel istanza ta' Frankfurt kompetenti fil-qasam soċjali). Insostenn tar-rikors tagħha, F. Feyerbacher sostniet ukoll li l-Ftehim dwar is-sede ġie konkluż ferm qabel id-dħul fis-seħħ tal-BGEE u li, għalhekk, ma setgħet tirriżulta l-ebda esklużjoni mill-allowance tal-ġenituri. Barra minn hekk, peress li l-kuntratt tagħha mal-BĊE huwa għal żmien determinat, l-attività hija waħda temporanja fis-sens tal-Artikolu 1(2.3) tal-BEEG. Fil-fehma tagħha, għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 3(3) tal-BEEG li jipprovdi f'liema każijiet għandhom jitnaqqsu mill-allowance tal-ġenituri Ġermaniża l-benefiċċji simili li l-persuna kkonċernata tirċievi barra mill-pajjiż minn organizzazzjoni internazzjonali jew supranazzjonali.

32. B'sentenza tat-30 ta' Settembru 2009, is-Sozialgericht Frankfurt laqa' r-rikors u annulla d-deċiżjonijiet tal-4 ta' Diċembru 2008 u tat-8 ta' Jannar 2009. Skont din il-qorti, F. Feyerbacher tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tgawdi mill-allowance inkwistjoni, kif mitluba mill-Artikolu 1(1) tal-BEEG.

33. Is-Sozialgericht Frankfurt qieset li hija biss il-liġi, b'dispożizzjoni speċjali, li tista' teskludi kategorija ta' persuni mill-għoti tal-benefiċċji tal-BEEG. Madankollu, hija qieset li l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede ma jikkorrispondix għal tali dispożizzjoni, għaliex id-dritt għal allowance tal-ġenituri ma huwiex parti mill-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-membri tal-persunal tal-BĊE rregolati mill-imsemmi artikolu. Minbarra dan, ir-rifjut fil-konfront ta' F. Feyerbacher lanqas ma huwa ġġustifikat f'din il-kawża, inkwantu l-persunal tal-BĊE ma jgawdix minn benefiċċji taħt l-assigurazzjoni, l-assistenza u l-promozzjoni soċjali li taqa' taħthom l-allowance tal-ġenituri inkwistjoni. Għaldaqstant ma hemmx kumulu ta' benefiċċji f'dan il-każ.

34. F'appell ippreżentat quddiemha kontra din is-sentenza, il-Landessozialgericht ta' Hesse qieset li F. Feyerbacher tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(1) tal-BEEG u għaldaqstant għandha tkun tista' tgawdi mill-allowance tal-ġenituri, sakemm dispożizzjoni speċifika konformi mar-rekwiżiti tal-liġi ma teskludix l-applikabbiltà tagħha. L-imsemmija qorti eskludiet il-possibbiltà li l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede jista' jikkostitwixxi tali dispożizzjoni.

35. F'dawn iċ-ċirkustanzi, b'deċiżjoni ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-10 ta' Frar 2011, il-Landessozialgericht ta' Hesse ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) [Il-Ftehim dwar is-sede] jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni li għandu preċedenza fuq id-dritt nazzjonali jew inkella jikkostitwixxi trattat [ftehim] internazzjonali?

2) L-Artikolu 15 tal-[F]tehim dwar is-sede, moqri flimkien ma[l-Artikolu 36 tal-Istatut tas-SEBĊ] għandu jiġi interpretat b'mod strett fis-sens li l-applikabbiltà għall-membri tal-persunal tal-BĊE ta' dispożizzjonijiet tad-dritt soċjali Ġermaniż li jikkonferixxu l-benefiċċju inkwistjoni hija biss eskluża jekk jingħata servizz soċjali paragunabbli mill-BĊE lill-membri tal-persunal tiegħu skont il-[kundizzjonijiet ta' impjieg]?

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għat-tieni domanda:

   a) Id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tikkonferixxi allowances tal-familja biss abbażi tal-prinċipju territorjali?

   b) Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Bosmann (sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, C-352/06, Ġabra p. I-3827, punti 31 sa 33) japplika għad-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq? L-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, moqri flimkien mal-Artikolu 36 [tal-Istatut tas-SEBĊ], jipprekludi lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mill-poter tagħha li tagħti allowances tal-familja lill-membri tal-persunal tal-BĊE li jirrisjedu fit-territorju tagħha?"

36. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn F. Feyerbacher, mill-Gvern Ġermaniż, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-BĊE. L-ebda waħda mill-partijiet ma talbet li tinżamm seduta.

IV – Eżami

A – *Fuq il-Ftehim dwar is-sede*

1. In-natura ġuridika tal-Ftehim dwar is-sede

37. Qabel kollox nosserva li l-klassifikazzjoni tal-Ftehim dwar is-sede inkwantu att legali fiha d-diffikultajiet tagħha. Kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, wieħed jista' jaħseb f'żewġ klassifikazzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, dik ta' ftehim internazzjonali li l-liġi nazzjonali ta' ratifikazzjoni tqiegħed fuq l-istess livell bħal-liġijiet nazzjonali fis-sens formali jew, min-naħa l-oħra, dik ta' att li jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea li, bħala tali, igawdi mis-supremazija fuq id-dritt nazzjonali. Nippreferi t-tieni klassifikazzjoni.

38. Qabel kollox, fir-rigward tal-indipendenza tal-BĊE, għandu jiġi osservat li din l-indipendenza hija ggarantita permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 130 TFUE u tal-Artikolu 7 tal-Istatut tas-SEBĊ. Madankollu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-indipendenza tal-BĊE, li hija intiża li tiżgura l-qadi tal-missjonijiet tiegħu, ma għandhiex bħala konsegwenza li l-BĊE huwa maqtugħ għal kollox mill-Unjoni Ewropea u li huwa eżenti minn kull regola ta' dritt tal-Unjoni

Ewropea [11]. Għaldaqstant il-BĊE ma jistax jitqies li huwa organizzazzjoni intergovernattiva li għandha kompetenza hekk imsejħa "funzjonali" fid-dritt internazzjonali. Bil-kontra, inizjalment, huwa korp *sui generis* [12] u, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, huwa istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 13 TUE [13] li huwa mogħti l-kompetenzi tiegħu mid-dritt primarju.

39. L-indipendenza tal-BĊE ma hijiex għaldaqstant skop aħħari minnha nfisha, iżda tissodisfa għan preċiż. Il-prinċipju ta' indipendenza huwa intiż b'mod partikolari sabiex jippermetti lill-BĊE jsegwi l-għan tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet u, b'rispett għal dan il-għan, ta' sostenn tal-politiki ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea, hekk kif mitlub mill-Artikolu 127 TFUE [14].

40. Għandu wkoll jitfakkar li l-BĊE għandu personalità ġuridika skont l-Artikolu 282(3) TFUE, u l-Artikolu 9(1) tal-Istatut tas-SEBĊ. Il-kompetenzi tiegħu sabiex jagħmel operazzjonijiet esterni u operazzjonijiet oħra li ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-missjonijiet tiegħu huma madankollu speċifikati fl-Artikoli 23 u 24 tal-Istatut tas-SEBĊ [15]. Fid-dawl tal-personalità ġuridika tiegħu, jidhirli li l-BĊE huwa kompetenti sabiex jikkonkludi ftehim internazzjonali marbut mal-missjonijiet tiegħu fil-kuntest tal-politika monetarja [16]. Bil-kontra, kif tenfasizza l-Kummissjoni, huwa ma għandu l-ebda kompetenza sabiex jikkonkludi ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni Ewropea minħabba l-fatt li ma hemm l-ebda bażi għal tali kompetenzi u li l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 218 TFUE huma l-uniċi li japplikaw.

41. Minbarra l-operazzjonijiet marbuta mal-politika monetarja, irregolati mill-Artikolu 23 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jista', skont l-Artikolu 24 tal-imsemmi statut, jagħmel operazzjonijiet oħra meħtieġa għal skopijiet amministrattivi, bħalma hija, fil-fehma tiegħi, il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-sede. Il-kliem ta' dan l-artikolu ma jispeċifikax, madankollu, in-natura tal-atti li l-BĊE jista' jadotta fil-kuntest ta' tali operazzjonijiet. Huwa għal din ir-raġuni li, sabiex tiġi stabbilita n-natura ġuridka tal-Ftehim dwar is-sede, hemm bżonn li jiġi eżaminat dan tal-aħħar fil-kuntest ġuridiku partikolari tiegħu, jiġifieri dak tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet.

42. Kif jirriżulta mill-ħames paragrafu tal-preambolu tal-imsemmi ftehim, dan ġie konkluż sabiex jistabbilixxi l-privileġġi u l-immunitajiet tal-BĊE fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b'mod konformi mal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet [17]. Għaldaqstant huwa miżura komplementari għall-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet intiż li jimplementa d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi

11 — Sentenza tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs BĊE (C-11/00, Ġabra I-7147, punt 135). Għal eżami tad-diversi aspetti tal-indipendenza tal-BĊE, ara l-punti 150 sa 155 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs f'din il-kawża, kif ukoll C. Gaitanides, *Das Recht der Europäischen Zentralbank. Unabhängigkeit und Kooperation in der Europäischen Währungsunion*. Mohr Siebeck, Tübingen, 2005, p. 55 *et seq*. Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs BEI (C-15/00, Ġabra p. I-7281, punti 101 u 102, u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — Fid-duttrina ġew espressi diversi argumenti dwar l-istatus tal-BĊE fis-sistema Ewropea. Għal sinteżi ta' dawn il-perspettivi differenti, ara C. Gaitanides, *op. cit*, p. 51 sa 55.

13 — Fil-mument li fih ġie konkluż il-ftehim, fit-18 ta' Settembru 1998, il-BĊE ma kienx jinsab fiċ-ċirku iktar ristrett tal-istituzzjonijiet Komunitarji elenkati fl-Artikolu 7 KE. Taħt it-Trattat KE, is-SEBĊ u l-BĊE kellhom fil-fatt pożizzjoni speċifika fl-arkitettura istituzzjonali.

14 — Ara l-punt 150 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża Il-Kummissjoni vs BĊE, iċċitata iktar 'il fuq.

15 — Ara A. Ott, "EU Regulatory Agencies in EU External Relations:Trapped in a Legal Minefield between European and International Law", *European Foreign Affairs Review*, 2008, Nru 13, p. 527.

16 — Ara f'dan is-sens, D.-C. Horng, "The European Central Bank's External Relations with Third Countries and the IMF", *European Foreign Affairs Review*, 2004, Nru 3, p. 326.

17 — Ara d-digriet tas-17 ta' Diċembru 1968, Ufficio Imposte di Consumo di Ispra vs Il-Kummissjoni (2/68, Ġabra 1968, p. 636). Għandu jiġi enfasizzat li, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma mxietx fuq l-approċċ propost mill-Avukat Ġenerali Roemer fil-konklużjonijiet tiegħu, li kien jikkonsisti fl-applikazzjoni, b'analoġija, tal-prinċipji li jirregolaw il-ftehim dwar is-sede tal-NU għall-ftehim iffirmat bejn il-Kummissjoni u l-Gvern Taljan rigward is-sede taċ-Ċentru għar-Riċerka Nukleari ta' Ispra. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li anki jekk il-Kummissjoni setgħet, sabiex timplementa l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet u, skont il-każ, sabiex tikkompletah, tikkonkludi ftehim dwar is-sede mal-Istat Membru kkonċernat, dan il-ftehim ma jistax madankollu jnaqqas id-drittijiet u l-garanziji li jirriżultaw mill-imsemmi protokoll favur l-Istati Membri u l-korpi tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-individwi. Fir-rigward tal-iskejjel Ewropej, ara *a contrario* s-sentenza tal-15 ta' Jannar 1986, Hurd (44/84, Ġabra p. 29, punti 20 sa 22), kif ukoll dik tat-30 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-132/09, Ġabra p. I-8695), punt 44).

protokoll fil-kuntest speċifiku tal-BĊE [18]. L-Artikolu 15 tal-imsemmi ftehim huwa marbut iktar preċiżament mal-Artikolu 14 ta' dan il-protokoll, li jipprovdi l-proċedura applikabbli sabiex tiġi stabbilita s-sistema ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali applikabbli għall-uffiċjali u għall-membri l-oħra tal-persunal Ewropew.

43. F'dan il-kuntest ta' dritt primarju tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 21 tal-Ftehim dwar is-sede, dwar ir-riżoluzzjoni ta' tilwim, jirreferi għall-Artikolu 35(4) tal-Istatut tas-SEBĊ, li jipprevedi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ ifformulata bl-istess kliem tal-Artikolu 272 TFUE, jiġifieri "klawżola ta' arbitraġġ li jkun hemm f'kuntratt li jkun sar, skond id-dritt pubbliku jew privat". Fid-dawl tal-kwalità tal-partijiet kif ukoll tal-għan tal-Ftehim dwar is-sede, il-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab fil-Ftehim dwar is-sede tista' biss, għaldaqstant, tirreferi għal kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku [19].

44. Din il-konklużjoni ġiet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża BĊE vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq qari tal-Artikolu 21 tal-imsemmi ftehim flimkien mal-Artikolu 35(4) tal-Istatut tas-SEBĊ u mal-Artikolu 272 TFUE [20].

45. Bil-kontra ta' dak li jsostni l-Gvern Ġermaniż, inqis li dan ma huwiex ftehim internazzjonali fis-sens tad-dritt internazzjonali pubbliku, iżda kuntratt irregolat bid-dritt privat konkluż bejn il-BĊE u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

46. Nipprečiża li s-sistema legali li magħha huwa marbut dan il-ftehim tista' tkun biss dik tal-Unjoni Ewropea. Hekk kif spjegajt qabel, il-qari tal-preambolu tal-imsemmi ftehim juri l-eżistenza ta' rabta partikolari mad-dritt tal-Unjoni Ewropea peress li l-Ftehim dwar is-sede jikkostitwixxi l-implementazzjoni tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet f'dan il-kuntest speċifiku [21]. Minkejja l-irbit li dan il-ftehim għandu mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, huwa marbut biċ-ċar mad-dritt tal-Unjoni Ewropea għaliex għandu l-għan li jispeċifika l-privileġġi u l-immunitajiet mogħtija lill-BĊE fit-territorju Ġermaniż mill-imsemmi protokoll [22].

47. Għaldaqstant il-Ftehim dwar is-sede jaqa' taħt il-kuntest ġuridiku stabbilit mill-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet, u, b'mod iktar ġenerali, fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, li jikkostitwixxi l-kuntest ġuridiku ta' riferiment għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu.

2. L-effetti fil-konfront tal-individwi tal-Ftehim dwar is-sede inkwantu kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku

48. Peress li huwa stabbilit li l-Ftehim dwar is-sede huwa kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku fis-sens tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, għandu mbagħad jiġi stabbilit jekk, u f'liema miżura, tali kuntratt jista' jkollu effetti fil-konfront ta' individwi bħalma hija F. Feyerbacher.

18 — Ara s-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2005, BĊE vs Il-Ġermanja (C-220/03, Ġabra p. I-10595, punt 24).

19 — Ara J. Schwarze (edit.), *EU-Kommentar*, Artikolu 238 KE, it-tieni edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, 2009, pp. 1839 sa 1843.

20 — Sentenza BĊE vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 27). Ara wkoll il-punt 29 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl f'din il-kawża.

21 — Sentenza BĊE vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 24).

22 — Skont id-duttrina, kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku fis-sens tal-Artikolu 272 TFUE, li l-kontenut tiegħu jikkorrispondi għal dak tal-Artikolu 35(4) tal-Istatut tas-SEBĊ, jista' jaqa' taħt id-dritt ta' Stat Membru, jew taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Fir-rigward tal-ewwel possibbiltà msemmija, il-Ftehim dwar is-sede ma għandu l-ebda rabta mas-sistema legali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li l-applikabbiltà tagħha għandha madankollu tiġi eskluża fid-dawl tal-għan tal-imsemmi ftehim, jiġifieri l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet fir-rigward tal-BĊE fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ara, f'dan ir-rigward, J. Schwarze, *op. cit.* p. 1842.

49. Bħala regola ġenerali, kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku, bħall-każ ta' kuntratt irregolat bid-dritt privat, għandu effett vinkolanti biss bejn il-partijiet fl-imsemmi kuntratt. Inkwantu kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku li jinvolvi effetti obbligatorji fil-konfront tal-partijiet fil-kuntratt, il-Ftehim dwar is-sede għandu jitqies li jesprimi r-rieda tal-BĊE u tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li jispeċifikaw id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet. Għal din ir-raġuni, il-Ftehim dwar is-sede ma jistax jitqies li huwa att li għandu effett *erga omnes* fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni Ewropea [23].

50. Nippreċiża li n-nuqqas ta' tali effett jista' jiġi dedott mill-kompetenza regolatorja limitata tal-BĊE. Din il-kompetenza tirriżulta mill-Artikolu 132(1) TFUE u mill-Artikolu 34(1) tal-Istatut tas-SEBĊ, li jipprovdu li l-BĊE huwa awtorizzat jadotta regolamenti, jieħu deċiżjonijiet jew joħroġ rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet. Barra minn hekk, il-kunsill regolatorju jista' jadotta linji gwida u jagħti struzzjonijiet skont l-Artikolu 12(1) tal-Istatut tas-SEBĊ. Il-BĊE jista' għalhekk jeżerċita l-kompetenza regolatorja prevista fl-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ fil-konfront tal-persunal tiegħu. Madankollu, huwa ma jistax jibdel il-portata jew il-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' impjieg b'kuntratt konkluż ma' Stat Membru.

51. Għaldaqstant kuntratt irregolat bid-dritt pubbliku bħalma huwa l-Ftehim dwar is-sede inkwistjoni f'din il-kawża ma jistax ikollu effetti vinkolanti fil-konfront ta' terzi, jiġifieri l-Istati Membri l-oħra, l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea, u l-individwi. Fi kliem ieħor, effett *erga omnes* jeħtieġ li l-Ftehim dwar is-sede jkun ġie adottat fil-forma ta' regolament jew deċiżjoni [24].

52. Barra minn hekk, jidher li huwa utli li jitqabblu l-effetti tal-Ftehim dwar is-sede u dawk tad-direttivi fir-rigward tal-individwi. Bħal direttiva, li ma tistax, minnha nfisha, toħloq obbligi għall-individwu u ma tistax għaldaqstant tiġi invokata inkwantu tali kontrih [25], il-Ftehim dwar is-sede ma jistax ikollu effett negattiv fuq id-drittijiet li l-individwu għandu taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea jew taħt il-liġi nazzjonali [26].

53. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, inqis li din id-dispożizzjoni għandha titqies li tirreferi għall-kontenut tal-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ, li jipprovdi li l-kunsill regolatorju għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' impjieg [27] applikabbli għall-persunal tal-BĊE.

54. B'dan il-mod, minn naħa, din id-dispożizzjoni tad-dritt primarju għandha, f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni, supremazija fuq id-dritt nazzjonali Ġermaniż. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-effetti tiegħu *intra partes*, l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede jeħles lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja minn kwalunkwe obbligu li tapplika, fil-konfront tal-membri tal-persunal tal-BĊE, id-dispożizzjonijiet tad-dritt industrijali jew tad-dritt soċjali Ġermaniż.

23 — F'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' effett *erga omnes* tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehim dwar is-sede, ara l-pożizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet fid-digriet Ufficio Imposte di Consumo di Ispra vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (p. 640).

24 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (189/85, Ġabra p. 2061, punt 14), kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (186/85, Ġabra p. 2029, punt 21). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat b'mod espliċitu li l-verżjoni rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet ġew adottati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 259/68, tad-29 ta' Frar 1968 (ĠU L 56, p. 1, iktar 'il quddiem, ir-"Regolamenti tal-Persunal Ewropew"), u li dan ir-regolament kellu għalhekk portata ġenerali u kien obbligatorju fl-elementi kollha tiegħu u applikabbli direttament f'kull Stat Membru.

25 — Ara, f'dan ir-rigward, *inter alia*, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 108, u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 — Ma neskludix il-possibbiltà li l-konklużjoni tista' tkun differenti fil-kuntest ta' eżami fid-dawl tad-dritt Ġermaniż tal-Ftehim dwar is-sede, li ġie rratifikat fir-Repubblika tal-Ġermanja permezz tal-liġi ta' ratifikazzjoni tad-19 ta' Diċembru 1998 (BGBl. 1998 II, p. 2996).

27 — Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li l-kelma użata fil-verżjoni Ġermaniża tal-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ hija "Beschäftigungsbedingungen" li tikkorrispondi għat-terminoloġija użata fl-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede.

55. Nosserva li fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal Ewropew stabbiliti permezz ta' *regolament*, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li n-natura supplimentari tal-allowances statutorji tal-familja fir-rigward tal-allowances tal-istess natura mħallsa minn sors ieħor hija imposta fuq l-Istati Membri u ma tistax tiġi injorata b'dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali.

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, minn naħa, li d-dispożizzjonijiet tal-Istatut jipprekludu lill-Istat Membru milli jeskludi l-ħlas tal-allowances tal-familja għal wild dependenti previsti mil-leġiżlazzjoni tiegħu, għar-raġuni li huwa possibbli li jingħataw, għall-istess wild, allowances statutorji, fil-każ li l-persuna intitolata għal tali allowances tkun miżżewġa ma' uffiċjal fis-servizz jew li huwa rtirat jew membru ieħor tal-persunal u teżerċita jew tkun eżerċitat impjieg fit-territorju tiegħu [28].

57. Min-naħa l-oħra, hija qieset li l-imsemmija dispożizzjonijiet jipprekludu wkoll lill-Istat Membru milli jipprovdi li jitnaqqas mill-allowances tal-familja dovuti skont il-leġiżlazzjoni tiegħu, l-ammont tal-allowances simili previsti mid-dispożizzjonijiet statutorji meta l-konjuġi ta' uffiċjal fis-servizz jew irtirat jeżerċita jew ikun eżerċita impjieg fit-territorju tiegħu, jew meta l-uffiċjal innifsu jkun eżerċita barra mill-istituzzjonijiet tali attività part-time [29].

58. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex tingħata risposta utli għall-kwistjonijiet imqajma mill-qorti tar-rinviju, jeħtieġ li d-domandi magħmula minnha jiġu fformulati mill-ġdid. Fil-fatt, l-eżami tad-domandi magħmula, meħuda flimkien, juri li l-qorti inkwistjoni qed tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 36(1) tas-SEBĊ, li huwa msemmi biss b'mod sussidjarju fid-domandi preliminari, jipprekludix lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja milli tagħti benefiċċji ta' sigurtà soċjali, bħalma hija l-allowance tal-ġenituri fil-kawża prinċipali, lill-membri tal-persunal tal-BĊE b'mod ġenerali, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, abbażi tal-prinċipju ta' territorjalità jew, sussidjarjament, meta l-kundizzjonijiet ta' impjieg ma jipprovdux għal tali allowance.

59. Għaldaqstant inqis li, sabiex tingħata soluzzjoni għall-kawża prinċipali, għandha tingħata risposta għal din id-domanda kif ifformulata mill-ġdid. Fid-dawl tal-fatt li l-imsemmija domanda tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għaliha. Għaldaqstant, l-argument tal-Gvern Ġermaniż rigward l-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari minħabba n-natura tal-Ftehim dwar is-sede inkwantu att tad-dritt internazzjonali u n-nuqqas konsegwenti ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpretah fil-kuntest tal-proċedura preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE, ma jistax jintlaqa'.

B – *Fuq il-possibbiltà tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tagħti benefiċċji ta' sigurtà soċjali lill-membri tal-persunal tal-BĊE*

1. In-natura ġuridika tad-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' impjieg

60. Qabel kollox għandu jiġi osservat li r-relazzjoni ta' impjieg bejn il-BĊE u l-impjegati tiegħu hija ddefinita mill-kundizzjonijiet ta' impjieg adottati mill-kunsill regolatorju, fuq proposta tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, abbażi tal-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ. Skont l-Artikolu 9(a) tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, ir-relazzjoni ta' impjieg bejn il-BĊE u l-persunal tiegħu huma rregolati

28 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 30).

29 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35).

permezz ta' kuntratti ta' xogħol konklużi b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet previsti mill-imsemmija kundizzjonijiet ta' impjieg. Kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sistema adottata għar-relazzjonjiet ta' impjieg bejn il-BĊE u l-persunal tiegħu hija ta' natura kuntrattwali u mhux statutorja [30].

61. Barra minn hekk, infakkar li l-imsemmija kundizzjonijiet ta' impjieg ma ġewx adottati permezz ta' regolament, iżda permezz ta' att ikklassifikat bħala "deċiżjoni", b'tali mod li huma ma jipproduċu l-ebda effett vinkolanti fuq l-Istati Membri li ma humiex destinatarji tagħhom. Madankollu, bħar-Regolamenti tal-Persunal Ewropew, li għandhom bħala għan waħdieni li jirregolaw ir-relazzjonijiet ġuridiċi bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-uffiċjali tagħhom, id-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' impjieg jorbtu lill-BĊE u lill-persunal tiegħu u jistabbilixxu, bħar-Regolamenti tal-Persunal Ewropew għall-funzjoni tas-servizz pubbliku Ewropew, id-drittijiet u l-obbligi tal-membri tal-persunal tal-BĊE [31].

62. F'dan ir-rigward, għandu wkoll jitfakkar li l-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ jagħti lill-BĊE awtonomija regolatorja fir-rigward tas-sistema applikabbli għall-persunal tiegħu. Din is-sistema, iddefinita mill-kundizzjonijiet ta' impjieg u mir-regolamenti tal-persunal (Artikolu 21 tar-regolament intern tal-BĊE), hija distinta mir-regoli applikabbli għall-uffiċjali u minn dawk applikabbli għall-membri l-oħra tal-persunal tal-Unjoni Ewropea. Hija wkoll awtonoma mid-dritt tal-Istati Membri [32].

63. Skont l-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jibqa' liberu li jirregola l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persunal tiegħu li għandhom jinftiehmu fis-sens li jinkludu mhux biss il-kundizzjonijiet tax-xogħol iżda wkoll il-benefiċċji ta' sigurtà soċjali li għandha dritt għalihom persuna (jew l-aventi kawża tagħha) inkwantu membru tal-persunal tal-BĊE [33]. Madankollu, bil-kontra ta' dak li sostniet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, il-kompetenza regolatorja li l-BĊE għandu taħt is-SEBĊ sabiex jistabbilixxi s-sistema applikabbli għall-persunal tiegħu, ma tikkostitwixxix regola dwar il-kunflitt ta' liġijiet li, bħala tali, teskludi l-applikabbiltà ta' sistemi oħra fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Inqis li l-Artikolu 36(1) tal-Istatut tas-SEBĊ jikkostitwixxi dispożizzjoni li tippermetti lill-BĊE jirregola b'mod espliċitu jew impliċitu l-applikabbiltà tad-diversi sistemi ta' sigurtà soċjali għall-persunal tiegħu [34].

30 — Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Pflugradt vs BĊE (C-409/02 P, Ġabra p. I-9873, punti 31 sa 33 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu għandu jiġi ppreċiżat li l-BĊE, inkwantu istituzzjoni, għandu setgħa diskrezzjonali fl-organizzazzjoni tad-dipartimenti tiegħu, u dan minkejja n-natura kuntrattwali tal-att ġuridiku li fuqu hija bbażata r-relazzjoni ta' impjieg bejn dan tal-aħħar u l-persunal tiegħu. Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-Kawża Pflugradt vs BĊE, iċċitata iktar 'il fuq (punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 — Ara, b'analoġija, id-digriet tal-Qorti Ġenerali, tat-18 ta' April 2002, IPSO u USE vs BĊE (T-238/00, Ġabra p. II-2237, punti 48 sa 50, u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 1999, Johannes (C-430/97, Ġabra p. I-3475, punt 19).

32 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 2002, Pflugradt vs BĊE (T-178/00 u T-341/00, Ġabra p. II-4035, punt 48). Ara wkoll id-digriet IPSO u USE vs BĊE, iċċitata iktar 'il fuq (punti 48 u 49). Fil-każ ta' lakuni fil-kundizzjonijiet ta' impjieg jew fir-regoli applikabbli għall-persunal tal-BĊE, huma għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-ġurisprudenza rigward ir-Regolamenti tal-Persunal Ewropew. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2003, Cerafogli u Poloni vs BĊE (T-63/02, Ġabra p. II-4929, punt 51).

33 — Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-allowances tal-familja, inkwantu parti mir-remunerazzjoni, huma marbuta mar-relazzjoni ta' impjieg. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (punt 26) u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (punt 29).

34 — Is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, kif ukoll il-konnessjonijiet bejn id-diversi sistemi ta' sigurtà soċjali applikabbli għall-membri tal-persunal tal-BĊE huma bbażati fuq l-ipoteżi li l-uffiċjali u l-membri l-oħra tal-persunal tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk tal-BĊE, jistgħu wkoll jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi oħra ta' sigurtà soċjali.

64. Għaldaqstant il-problema mqajma mill-qorti nazzjonali rigward ir-relazzjoni li teżisti bejn is-sistema stabbilita mill-kundizzjonijiet ta' impjieg u sistemi oħra, bħal dik stabbilita bid-dritt soċjali Ġermaniż, ma tistax tiġi solvuta b'mod globali. Bil-kontra, risposta xierqa għall-imsemmija problema titlob l-eżami ta' kull kategorija ta' benefiċċji kkonċernata, waħda wara l-oħra [35].

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' impjieg

65. Il-kamp ta' applikazzjoni personali tal-kundizzjonijiet ta' impjieg huwa ddefinit fl-Artikolu 1 ta' dawn tal-aħħar. Kif jirriżulta minn dan l-artikolu, il-kunċett ta' membru tal-persunal jirreferi għal kull persuna li tkun iffirmat kuntratt ta' impjieg mal-BĊE għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat ta' iktar minn sena u li daħlet fis-servizz tal-BĊE. L-Annessi IIa u IIb tal-kundizzjonijiet ta' impjieg jipprovdu, barra minn hekk, il-kundizzjonijiet speċifiċi li huma applikabbli għal kuntratti għal żmien qasir (inqas minn sena) u għall-parteċipanti fil-programm intitolat "Graduate Programme".

66. F'dan ir-rigward nosserva li, b'mod differenti mill-parteċipanti fil-"Graduate Programme" li għalihom japplikaw il-kundizzjonijiet ta' impjieg sakemm l-Anness IIa ma jipprovdix mod ieħor, il-persuni li kkonkludew kuntratt għal żmien qasir (persunal hekk imsejjaħ "temporanju") mal-BĊE, li għalihom japplikaw il-kundizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Anness IIb, jidhru esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni personali tal-kundizzjonijiet ta' impjieg skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-kundizzjonijiet ta' impjieg. Minn dan nikkonkludi li l-persunal temporanju ma jinsabx fil-kategorija ta' membri tal-persunal tal-BĊE li għalihom japplika l-Artikolu 4c tar-Regolament Nru 549/69 [36] li jipprovdi li l-persunal tal-BĊE jgawdi wkoll mill-privileġġi u l-immunitajiet previsti mill-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet fir-rigward tal-uffiċjali u tal-membri l-oħra tal-persunal Ewropew.

67. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, qabel kollox infakkar li, b'mod konformi mal-kompetenza regolatorja tiegħu fil-qasam, il-BĊE jipprovdi fl-Artikolu 9(c) tal-kundizzjonijiet ta' impjieg li l-ebda dritt nazzjonali ma huwa applikabbli għall-kundizzjonijiet ta' impjieg. Skont din id-dispożizzjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali rigward l-assigurazzjoni soċjali bbażata fuq l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg la tista' tiġi applikata fil-konfront tal-BĊE inkwantu persuna li timpjega u lanqas fil-konfront tal-persunal ta' din l-istituzzjoni inkwantu impjegati. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tas-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni soċjali obbligatorja ma jistgħux jiġu applikati għall-persunal tal-BĊE.

68. Madankollu, għadu jrid jiġi ddefinit l-istatus tal-benefiċċji li jingħataw fuq bażi differenti minn dik tar-relazzjoni ta' impjieg. Dawn il-benefiċċji jinkludu l-benefiċċji mogħtija abbażi ta' sistemi li l-membru tal-persunal tal-BĊE affilja ruħu fihom volontarjament, dawk mogħtija lill-membru tal-persunal fi kwalità differenti minn dik ta' membru tal-persunal tal-BĊE [37] jew dawk mogħtija lill-membru tal-persunal abbażi tal-prinċipju ta' territorjalità.

35 — Fuq l-istess prinċipju hija bbażata l-applikazzjoni tas-sistema stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol 3, p. 3), kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998, u tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol 5, p. 72). Ara, b'mod partikolari, il-Kapitoli 1 sa 8 tal-imsemmija regolamenti rigward id-diversi kategoriji ta' benefiċċji.

36 — Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KEFA, KEE), tal-25 ta' Marzu 1969, li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej lil liema d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 39), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 1198/98 tal-5 ta' Ġunju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 442). Għandu jiġi ppreċiżat li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, dawn huma l-Artikolu 11, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 12, u l-Artikolu 13 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet.

37 — B'mod partikolari dawn huma l-benefiċċji li l-membru tal-persunal igawdi inkwantu persuna li kienet affiljata f'sistema ta' assigurazzjoni soċjali jew inkwantu aventi kawża ta' tali affiljat.

3. Id-diversi kategoriji ta' benefiċċji previsti mill-kundizzjonijiet ta' impjieg

69. Mill-kundizzjonijiet ta' impjieg jirriżulta li l-membri tal-persunal tal-BĊE għandhom jaffiljaw ruħhom mas-sistema ta' assigurazzjoni għall-mard u għall-inċidenti tal-BĊE. In-natura obbligatorja ta' din l-affiljazzjoni teskludi għaldaqstant kull applikazzjoni ta' sistemi nazzjonali obbligatorji ekwivalenti.

70. Il-qari tal-kundizzjonijiet ta' impjieg juri madankollu l-eżistenza ta' diversi konnessjonijiet bejn is-sistema stabbilita mill-kundizzjonijiet ta' impjieg u dik prevista mid-dritt nazzjonali. Kif jirriżulta mill-kundizzjonijiet ta' impjieg, l-allowances tal-familja kif ukoll l-allowances għall-qgħad, previsti mir-raba' u mis-sitt partijiet tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, jitħallsu mill-BĊE sussidjarjament għall-benefiċċji simili mogħtija minn korpi oħra.

71. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, skont il-kundizzjonijiet ta' impjieg, l-għoti tal-imsemmija allowances jippreżumi li l-membru tal-persunal tal-BĊE jkun ippreżenta minn qabel talba għall-għoti tal-allowances li ġejjin minn sorsi oħra quddiem l-awtorità jew il-korp kompetenti, u li jkun innotifika lill-BĊE l-ammont tagħhom. Għaldaqstant l-allowances ekwivalenti jitħallsu mill-BĊE biss fuq bażi supplimentari.

72. Fil-fehma tiegħi, dawn l-għażliet regolatorji juru li l-karatteristiċi tas-sistema stabbilita mill-kundizzjonijiet ta' impjieg iwasslu għall-konklużjoni li, mill-inqas f'dak li jikkonċerna l-benefiċċji tal-familja, is-sistema ma hijiex esklużiva jew primarja, iżda hija waħda supplimentari għal sistemi oħra ta' sigurtà soċjali. Din il-konstatazzjoni tgħodd ukoll fir-rigward tal-benefiċċji ta' sigurtà soċjali mogħtija lill-membru tal-persunal innifsu, u mhux biss fir-rigward tal-benefiċċji mogħtija lill-membri tal-familja jew lill-aventi kawża tal-membri tal-persunal.

73. F'dawn iċ-ċirkustanzi nqis, b'mod differenti mill-Kummissjoni u mill-BĊE, li ma jeżistux raġunijiet serji ta' natura istituzzjonali, marbuta mal-indipendenza tal-BĊE, sabiex il-kundizzjonijiet ta' impjieg jiġu interpretati fis-sens li huwa eskluż l-għoti ta' allowance tal-ġenituri, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Nenfasizza li s-sistemi applikabbli għall-persunal tal-BĊE u tal-Unjoni Ewropea jammettu l-applikazzjoni ta' sistemi oħra ta' sigurtà soċjali fil-konfront tal-imsemmi persunal [38].

74. Fid-dawl tal-elementi esposti qabel, li juru n-natura prinċipalment supplimentari tas-sistema stabbilita mill-kundizzjonijiet ta' impjieg, l-argument tal-BĊE, ibbażat fuq il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-indipendenza tal-BĊE u li dan jitħalla jaħdem mingħajr tfixkil fis-sede tiegħu ta' Frankfurt-am-Main u li jiġġustifika, fil-fehma tiegħu, l-esklużjoni sistematika tal-persunal tal-BĊE mid-dritt industrijali u mid-dritt soċjali Ġermaniż, ma jidhirlix li huwa konvinċenti. Fil-fatt, huwa l-BĊE nnifsu li jobbliga lill-membri tal-persunal jippreżentaw talbiet quddiem korpi oħra sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn allowances li l-BĊE jagħti biss fuq bażi supplimentari.

75. Barra minn hekk, minħabba li l-allowances, bħalma huma l-benefiċċji tal-familja, previsti mill-kundizzjonijiet ta' impjieg, huma sussidjarji għall-allowances mogħtija minn sorsi oħra, inqis li interpretazzjoni fis-sens li l-kundizzjonijiet ta' impjieg jeskludu b'mod sistematiku l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam ta' sigurtà soċjali, ma tistax tiġi ġġustifikata bil-ħtieġa li tiġi ggarantita l-ugwaljanza tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal tal-Unjoni Ewropea ta' ċittadinanzi differenti.

38 — Ara, *inter alia*, l-Artikoli 67 u 68 tar-Regolamenti tal-Persunal Ewropew.

76. Anki kieku wieħed mill-għanijiet li fuqhom huma bbażati d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet huwa li jiġu żgurati remunerazzjonijiet ugwali tal-uffiċjali u tal-membri l-oħra tal-persunal tal-Unjoni Ewropea, li ma humiex suġġetti għat-taxxa nazzjonali fuq id-dħul u lanqas, bħala regola ġenerali, għad-dritt nazzjonali tas-sigurtà soċjali, dan l-għan, l-istess bħall-ugwaljanza tal-Istati Membri, ma jistax jintlaħaq fid-dawl tan-natura supplimentari tal-allowances imħallsa mill-BĊE fil-kuntest partikolari tas-sistema applikabbli għall-persunal tal-BĊE [39].

77. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-kundizzjonijiet ta' impjieg ma jeskludux b'mod globali l-applikabbiltà tas-sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali. L-iskema stabbilita mill-kundizzjonijiet ta' impjieg għandha għalhekk impatt doppju. Minn naħa, il-kundizzjonijiet ta' impjieg jeskludu l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali dwar l-assigurazzjoni soċjali fil-qasam tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni għall-mard u għall-inċidenti tal-membri tal-persunal tal-BĊE [40]. Min-naħa l-oħra, kif osservajt qabel, huma jifformaw sistema supplimentari u sussidjarja f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' allowances u kumpens li jaqa' taħt ir-raba' u s-sitt partijiet tal-kundizzjonijiet ta' impjieg.

4. L-effett tal-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fuq l-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' impjieg

78. Għal raġunijiet ta' kompletezza, nixtieq fl-aħħar nett neżamina s-sitwazzjonijiet li fihom, minħabba n-nuqqas tal-BĊE, il-membri tal-persunal tal-BĊE għandhom il-possibbiltà li jgawdu ċerti benefiċċji billi jaffiljaw ruħhom, fuq bażi volontarja, ma' sistema speċifika [41], jew inkella abbażi tal-prinċipju ta' territorjalità, bħalma huwa l-każ tal-allowance tal-ġenituri f'din il-kawża. F'dan il-kuntest, b'mod partikolari, huwa ferm importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

79. Għaldaqstant għandha tiġi enfasizzata l-importanza tal-osservanza tal-Artikolu 34(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li d-dritt għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali li jiżguraw protezzjoni fil-każijiet iddefiniti mill-imsemmija dispożizzjoni għandu jiġi rrispettat [42]. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, u fid-dawl tal-kontenut tal-Artikolu 9(c) tal-kundizzjonijiet ta' impjieg li jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-applikabbiltà tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, dawn tal-aħħar ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li hija eskluża l-applikabbiltà, fir-rigward tal-membri jew ex membri tal-persunal tal-BĊE, tal-benefiċċji soċjali bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali meta l-ebda benefiċċju simili ma jingħata mill-BĊE [43].

39 — Ara, f'dak li jikkonċerna dawn l-għanijiet, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1960, Humblet vs L-Istat Belġjan (6/60, Ġabra p. 1125, 1157). Ara wkoll il-punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Bourges-Maunoury u Heintz (née Bourges-Maunoury) (C-558/10, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

40 — F'dak li jikkonċerna l-allowance ta' invalidità, jidhirli li d-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' impjieg ma tantx huma ċari fuq dan il-punt.

41 — Bħala eżempju, nosserva li mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-assigurazzjoni għall-kura għal żmien twil prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali Ġermaniża tikkostitwixxi tali sistema li l-membri tal-persunal tal-BĊE jistgħu jaffiljaw ruħhom fiha fuq bażi volontarja. Fir-rigward tad-dettalji tas-sistema Ġermaniża tal-assigurazzjoni għall-kura għal żmien twil, ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, Gaumann-Cerri u Barth (C-502/01 u C-31/02, Ġabra p. I-6483, punti 3 sa 7).

42 — Skont l-Artikolu 51 tal-imsemmija karta, id-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-Unjoni Ewropea kif ukoll lill-Istati Memrbi meta huma jimplementaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-preambolu ta' din il-karta, hija ma toħloqx drittijiet ġodda, iżda tafferma mill-ġdid id-drittijiet li jirriżultaw, *inter alia*, mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali u mill-obbligi internazzjonali komuni għall-Istati Membri. F'dan il-kuntest, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati b'mod li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija karta.

43 — Nosserva li tali interpretazzjoni twassal għal sitwazzjoni ftit li xejn sodisfaċenti inkwantu l-membri tal-persunal tal-BĊE li jipparteċipaw fil-"Graduate Programme" ma jkollhomx, fil-każ ta' qgħad, dritt għall-allowances għall-qgħad mogħtija abbażi tas-sistema nazzjonali ta' sigurtà soċjali rilevanti, meta huma lanqas jibbenefikaw mill-allowances ta' dan it-tip mogħtija mill-BĊE skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness IIa tal-kundizzjonijiet ta' impjieg.

80. Din l-interpretazzjoni hija wkoll ikkorroborata mir-raġunament segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha fis-sentenza Bosmann, iċċitata iktar 'il fuq. Minkejja li huwa minnu li l-imsemmija ġurisprudenza tikkonċerna sitwazzjonijiet transkonfinali f'kuntest ġuridiku differenti għal kollox[44], jidhirli li l-prinċipju tan-natura supplimentari żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tas-sigurtà soċjali, li jipprovdi li l-Istat Membru ta' residenza ma jistax jiċċaħħad mis-setgħa li jagħti allowances tal-familja lill-persuni li jirrisjedu fit-territorju tiegħu, huwa rilevanti f'din il-kawża[45]. Fil-fatt, ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja juri biċ-ċar li l-imsemmi Stat Membru ma jitlifx is-setgħa tiegħu li jagħti benefiċċji soċjali abbażi tal-prinċipju ta' territorjalità minħabba s-sempliċi fatt li sistema oħra ta' sigurtà soċjali hija applikabbli għall-persuna kkonċernata.

81. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-allowance tal-ġenituri inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu wkoll jitfakkar li, skont l-Artikolu 29 tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, il-leave parentali għandu jissodisfa r-rekwiżiti tad-direttiva fuq il-leave parentali. Madankollu, ma jistax jiġi konkluż minn dan li n-nuqqas ta' dispożizzjoni fil-kundizzjonijiet ta' impjieg li tipprovdi allowance tal-ġenituri — li l-għoti tagħha, huwa minnu, jisboq ir-rekwiżit minimu tad-direttiva — ikollu bħala konsegwenza li l-Istat Membru kkonċernat, minħabba dan in-nuqqas, jiċċaħħad mis-setgħa tiegħu li jagħti tali allowance abbażi tal-prinċipju ta' territorjalità.

82. Bil-kontra, kif jirriżulta mill-klawżola 4(1) tal-ftehim li jinsab fl-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li japplikaw jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk previsti fl-imsemmi ftehim. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, inqis li l-kundizzjonijiet ta' impjieg ma jistgħux jitqiesu fis-sens li jipprojbixxu l-għoti ta' allowance tal-ġenituri lil membru tal-persunal tal-BĊE peress li tali allowance ma hijiex prevista fl-imsemmija kundizzjonijiet.

83. Inżid ngħid li jkun ukoll ksur tal-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jekk il-kundizzjonijiet ta' impjieg jiġu interpretati fis-sens li huma jistabbilixxu sistema esklużiva li tipprekludi kull applikazzjoni tad-dritt soċjali nazzjonali għall-membri tal-persunal tal-BĊE. B'mod partikolari, skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istatus tal-persunal temporanju, nosserva li tali interpretazzjoni, ibbażata fuq is-sempliċi eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg bejn il-persuna kkonċernata u l-BĊE, ikollha bħala konsegwenza li l-imsemmija persuna tiċċaħħad minn kull kopertura soċjali, ħlief dik ibbażata fuq l-assigurazzjoni għall-mard u għall-inċidenti kif ukoll dik għar-riskji ta' mard ikkaġunat mix-xogħol u r-riskji ta' inċidenti fl-eżerċizzju tax-xogħol[46].

84. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tibqa' libera li tagħti benefiċċji soċjali lill-membri tal-persunal tal-BĊE sakemm l-għoti tal-imsemmija benefiċċji ma jkunx marbut mal-eżistenza ta' attività professjonali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u sakemm benefiċċju simili ma jkunx mogħti mill-BĊE b'mod esklużiv.

85. Madankollu, nixtieq nenfasizza li, skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma għandha l-ebda obbligu li tapplika l-leġiżlazzjoni tagħha fil-qasam tal-membri tal-persunal tal-BĊE. Għaldaqstant l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, sakemm il-kundizzjonijiet għall-għoti jiġu ssodisfatti, kif ukoll l-ammont tal-benefiċċju mogħti, jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali.

44 — F'dan il-kuntest, nosserva wkoll li, b'mod differenti minn din il-kawża, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2004, My (C-293/03, Ġabra p. I-12013) u tas-16 ta' Frar 2006, Öberg (C-185/04, Ġabra p. I-1453) iċċitati mill-qorti tar-rinviju, kienu jikkonċernaw sitwazzjonijiet li fihom il-persuna kkonċernata kienet waqfet mis-servizz tagħha fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

45 — Ara s-sentenza Bosmann, iċċitata iktar 'il fuq (punt 31). Ara, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 1986, Ten Holder (302/84, Ġabra p. 1821); tal-11 ta' Novembru 2004, Adanez Vega (C-372/02, Ġabra. p. I-10761); tas-16 ta' Lulju 2009, von Chamier-Glisczinski (C-208/07, Ġabra p. I-6095, punti 55 u 56) u l-punt 55 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mazák fil-Kawżi Magħquda Hudzinski u Wawrzyniak (C-611/10 u C-612/10, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

46 — Il-kundizzjonijiet ta' impjieg applikabbli għall-persunal temporanju huma rregolati permezz tal-Anness IIb tal-kundizzjonijiet ta' impjieg li jipprovdi biss tali kopertura limitata fil-parti intitolata "Sigurtà soċjali" tal-imsemmi anness.

V – Konklużjoni

86. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Hessisch Landessozialgericht b'dan il-mod:

"L-Artikolu 36(1) tal-Protokoll tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jipprekludix lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja milli tagħti benefiċċji soċjali, bħalma hija l-allowance tal-ġenituri inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lill-membri tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tagħha, abbażi tal-prinċipju ta' territorjalità, sakemm tali benefiċċju ma jkunx previst mill-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew b'mod esklużiv."